**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru 2001**

**Numru 1**

**Avviz numru 351/01**

**Mallia Industries Limited**

**vs**

**Joseph Darmanin**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm84.53 (erba' u tmenin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi) bhala bilanc ta' prezz ta' materjali ta' "Hardware" li l-konvenut xtara mis-socjeta' attrici, liema materjali gew ikkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta attrici. Minkejja diversi interpellazzjonijiet biex il-konvenut ihallas, huwa baqa inadempjenti.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Kathleen Zarb Adami tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**